TRIBUNAL INDUSTRIJALI

DECIZJONI NRU. 1684

KAZ NRU. 2212

Fil- Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

Jesmond Tonna

u

Dragonara Resort Ltd.
ezercenti l-kummerc bhala
'The Westin Dragonara Resort'

dwar tkeccija mill-impieg
allegata li hi ngusta.

Data : 20 ta Marzu 2006

Chairman : Is-Sur George Borg Cardona

Dan il-Kaz gie riferit lit-Tribunal Industrijali b' nota prezentata fir-Registru tal-Qorti Superjuri fid-9 ta' Awissu 2004.

It-Tribunal zamm disa seduti.

Jesmond Tonna, aktar il-quddiem jissejjah l-"appellant", kien assistit mill-Avukat Matthew Brincat u Dragonara Resort Ltd. etc., aktar il-quddiem tissejjah il-"Kumpanija", kienet rapprezentata mis-Sinjuri Hans Cauchi u Aris Cefai assistiti mill-Avukat Andrew Borg Cardona.

Fl-Istqarrija tal-Kaz l-appellant qal li l-General Manager talbu jirrizenja minghajr ma tah raguni ghax ghandu jaghmel dan. Hu ma accettax li jirrizenja u gie mkecci immedjatament.

Il-Kumpanija qalet li l-appellant tkecca ghaliex ma kienx jghati s-servizz mixtieq, naqas jaghmel u jwettaq "Preventive Maintenance Plan" li kien talab il-General Manager u fil-"Performance Appraisal" f'Jannar 2004 inghata Grade D li jfisser li ma lahaqx dak mistenni mis-superjuri tieghu.

Mix-xhieda u mid-dokumenti jirrezulta li :

Minn meta gie impjegat f'Marzu 2001 l-appellant kull sena nghata ittra ta' ringrazzjament mill-General Manager tfahhar xogholu u bonus sostanzjali li l-ahhar fosthom, f'April 2003, kien jammonta ghal Lm 2080. Dawn mill-General Manager precedenti.

B'dana kollu sal-bidu ta' Jannar 2004 – disa xhur biss wara - l-General Manager il-gdid kien diga ddecieda li l-appellant kellu jitkecca minghajr anqas biss avzah li kien fil-periklu li jitlef l-impieg (Email tal-11 ta' Jannar 2004 mill-General Manager lill-Human Resources Manager).

Ftit qabel ma ha l-kariga il-General Manager il-gdid giet introdotta sistema gdida "Six Sigma" u hu kien hafna aktar ezigenti minn dak ta' qablu.

L-appellant u l-General Manager il-gdid ma rnexxilhomx jistabbilixxu relazzjoni tajba bejniethom.

Il-General Manager ikkontenda li l-appellant ma kienx ghamel "Preventive Maintenance Plan" izda l-appellant u xhieda ohra qalu li kien hemm pjan u dan kien komputerizzat. Il-General Manager xehed li kien talab li jsir tali pjan bil-miktub izda dan qatt ma gie sottomess mill-appellant minkejja li talbu kemm il-darba. Izda fix-xhieda tieghu qal ukoll li dan il-pjan setgha jkun sistema komputerizzata jew manwali. Ghalih ma jaghmilx differenza kif u f'liema forma jsir. Ma ngabux dokumenti biex jigi stabbilit la x'forma ta' pjan kien jezisti u anqas "draft" ta' dak li ppretenda l-General Manager biex ikun jista' jsir paragun.

L-appellant kien gie msejjah ghal laqgha mal-General Manager fejn gie mitlub jirrizenja u, meta ma accettax, dan qal lill-Human Resources Manager biex jiehu passi immedjati ghat-tkeccija.

It-Tribunal, wara li ezamina x-xhieda u d-dokumenti u qies is-sottomissjonijiet tal-partijiet, wasal ghal dawn il-konkluzjonijiet :

Ma kienx hemm relazzjoniji tajba bejn il-General Manager il-gdid u l-appellant.

Sar hafna enfasi fuq in-nuqqas tal-pjan mitlub mill-General Manager u l-urgenza tieghu izda ma jirrezultax li l-appellant qatt inghata data specifika bil-miktub sa meta kellu jissottomettih minkejja numru kbir ta' Emails li ntbaghtulu.

Huwa fatt li sad-data tat-tkeccija l-appellant kien ghadu ma ssottomettiex il-"Preventive Maintenance Plan" fil-forma li ried il-General Manager u li kien hemm nuqqasijiet li risponsabbli ghalihom kien id-Dipartiment ta' l-appellant.

Bejn Jannar u April 2004 il-General Manager baghat numru kbir ta Emails b'diversi ordnijiet biex isiru hafna xogholijiet u/jew b'rimarki dwar nuqqasijiet izda l-appellant qatt ma nghata xi "written warning" dwar xi nuqqas u anqas ma gie mwissi li kien fil-periklu li jitkecca.

Jidher li dan n-numru kbir ta' Emails bdew jintbaghtu wara li l-General Manager kien qal lill-Human Resources Manager f'Jannar 2004 biex ikecci mmedjatament lill-appellant izda qallu li kien hemm htiega li jsiru certi proceduri. Jista' jkun li l-intenzjoni ta' dawn l-Emails kollha kienet biex tigi krejata gustifikazzjoni ghat-tkeccija.

Il-mod sommarju li bih tkecca l-appellant, specjalment fin-nuqqas ta' "written warnings", ma jissodifawx id-dritt ta' mpjegat li jinghata opportunita xierqa biex jiddefendi ruhu. Fin-nuqqas ta' dan, tkeccija qatt ma tista' titqies li nghatat ghal raguni tajba u sufficienti skond il-ligi.

It-Tribunal, wara li qies ic-cirkostanzi kollha tal-kaz u kkonsidra li kien hemm xi nuqqasijiet mill-appellant li kkontribwew ghat-tkeccija, jiddeciedi li l-Kumpanija ghandha thallas kumpens ta' Lm 1500 (elf u hames mitt lira) lill-appellant. Il-hlas ghandu jsir mhux aktar tard mit-30 ta' April 2006.

It-Tribunal jiddikjara li ma kienx possibbli li l-kaz jigi deciz fiz-zmien stipulat fil-ligi minhabba limitazzjoni ta' facilitajiet u nuqqasijiet amministrattivi.

Ghal-finijiet ta' l-Avviz Legali Numru 48 ta' l-1986 jistabbilixxi d-drittijiet ta' min assista l-partijiet fl-ammont ta' L:m 40 (erbghin lira).

B'hekk itemm din il-Kwistjoni tax-Xoghol.

George Borg Cardona
Chairman

Mary Rose Galea
Segretarja